# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Novembru 2017**

**Numru 2**

**Rikors numru 66/12 JD**

**Luigi Sultana u martu Carmela Sultana u b'digriet tat-18 ta' Awwissu 2017 stante l-mewt ta' Luigi Sultana, l-atti ġew trasfużi f'isem uliedu Rita mart George Formosa, Rose mart Anton Zammit, Joseph Sultana, Eugenio sive Gino Sultana f' ismu u bħala mandatarju ta' ħuh imsiefer Saviour sive Sammy Sultana, Mary Jane mart John Muscat u Anthony Zammit bħala mandatarju tal-imsiefra Victoria mart Michael Theuma, ilkoll aħwa Sultana**

**v.**

**Emanuel Cremona u martu Rose Cremona**

## Preliminari

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-atturi Luigi u Carmela konjuġi Sultana mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, tal-21 ta' Ġunju 2013, li permezz tiegħu qed

jitolbu lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha inkwantu ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti appellati, "*tħassarha fejn laqgħet it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenuti appellati li jirrigwardaw l-impediment tal-azzjoni attriċi minħabba l-kwistjoni tar-res judicata, u tirrimetti l-proċess lill-ewwel qorti sabiex il-kawża tkompli tinstema' skont il-liġi*."

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti;

"Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:

"Illi b'kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Dottor John Busuttil tad-dsatax (19) ta' Mejju elf disa' mija u sittin (1960) – anness u markat A – ir-rikorrenti xtraw is-segwenti beni mmobbli:

"(a) il-lok ta' djar numru hdax (11) fi Triq Mannar, Xaghra, Ghawdex, bil-mandretta mieghu annessa tal-kejl ta' cirka siegh, liema lok ta' djar gie deskritt li jikkonsisti f'kamra mgarrfa u zewgt ikmamar ohra li kienu jintuzaw ghall-annimali, il-mandra msemmija kif soggetta ghad-dritt tal-passagg a favur tal-beni ta' Vittorio Azzopardi (illum dawn il-beni huma proprjeta' tal-konvenuti konjugi Cremona); u

"(b) il-bicca raba' msejha 'ta' mal-lok' fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka siegh, tmiss punent ma' beni ta' l-eredi ta' Vittorio Azzopardi (illum dawn il-beni huma proprjeta' tal-konvenuti konjugi Cremona), tramuntana ma' beni ta' Angela Azzopardi, u nofsinhar ma' beni ta' Michelina Said, liema bicca raba' tgawdi d-dritt ta' passagg minn fuq beni ta' Vittorio Azzopardi (illum dawn il-beni huma proprjeta' tal-konvenuti konjugi Cremona);

"Illi bejn il-partijiet kienu nqalghu divergenzi wara li l-konvenuti xtraw il-beni li kellu Vittorio Azzopardi b'kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tat-tmintax (18) ta' Dicembru elfejn u tnejn (2002), u kienu ppruvaw jiehdu pussess ta' partijiet mill-art li r-rikorrenti kienu (u ghadhom) jippretendu li tifforma parti mill-ambjenti li huma kienu xtraw

bil-kuntratt succitat tal-1960, u dawn id-divergenzi taw lok ghall-kawza fl-istess ismijiet li ggib in-numru 28/2004, li giet deciza minn din il-Qorti b'sentenza tas-sittax (16) ta' Novembru elfejn u ghaxra (2010), f'liema sentenza kien gie deciz li:

> ""Ghaldaqstant billi gie stabilit minghajr dubbju illi l-art li l-atturi xtraw fl-1960 ma kienitx tikkonsisti f'dak kollu li jindikaw fil-pjanta annessa mac-citazzjoni, u lanqas setghu akkwistaw l-istess proprjeta' bil-preskrizzjoni, it-talbiet taghhom ma jistghux jigu milqugha. Dan pero'mhux ghax irrziulta illi l-istess art, jew tal-inqas partijiet definttivi minnha, jappartjenu lill-konvenuti, imma sempliciment ghax hadd mill-kontendenti ma rnexxielu jipprova sodisfacentement kemm attwalment jipposjedi mill-art anessa mal-fond illum numru hdax (11) Triq Mannar, Xaghra, u x'inhuma l-konfini taghha";

"Illi l-konvenuti in segwitu ghal din is-sentenza kienu dahlu u qalghu hitan tas-sejjiegh mill-istess mandretta u ghalqa, jew ippermettew jew ordnaw l-istess;

"Illi fid-dawl ta' dak li gie deciz minn din il-Qorti bis-sentenza fuq citata, liema sentenza llum saret gudikat, u ta' dak li sehh mill-istess konvenuti wara s-sentenza bit-tnehhija tal-hitan tas-sejjiegh, ir-rikorrenti qeghdin iressqu t-talba taghhom sabiex jigu stabbiliti b'mod definttiv il-konsistenza, il-posizzjoni, il-kejl u l-limiti tal-mandretta annessa mal-lok tad-djar numru hdax (11), Triq Mannar, Xaghra, Ghawdex, u tal-bicca raba' maghrufa 'ta' mal-lok' retrostanti l-lok ta' djar hawn imsemmi, li gew mixtrija minnhom fl-1960, mill-bicca art li xtraw il-konvenuti bil-kuntratt tal-2002;

"Illi filwaqt li mal-kuntratt meta xtraw l-atturi ma giet annessa ebda pjanta, izda biss inghatat deskrizzjoni tal-fondi minnhom mixtrija a rigward kejl, konfini, u t-tismija tas-servitu' tal-passagg li ghalih il-mandra hija soggetta favur il-beni tal-konvenuti u d-dritt ta' passagg li r-raba' tal-esponenti tgawdi minn fuq beni llum proprjeta' tal-konvenuti, mal-kuntratt meta xtraw il-konvenuti twahhlet pjanta li saret minghajr ma qatt gew ikkonsultati l-atturi li jmissu maghhom u meta minghand min xtraw l-istess konvenuti sa kien wissihom ukoll li ma kienx hemm qsami bejn l-art li kienu qeghdin jixtru u l-fondi tal-atturi;

"Ghaldaqstant l-atturi qeghdin jitolbu lil din il-qorti:

> "1. tiddikjara li l-kejl tal-mandretta annessa mal-lok tad-djar numru 11, Triq Mannar, Xaghra, huwa tal-kejl ta' cirka siegh pari ghal mija u sebgha u tmenin metri kwadri (187m.k.) jew kejl verjuri, kif ukoll il-porzjoni art maghrufa 'ta' mal-lok' li tigi wara l-mandretta msemmija, hija wkoll tal-kejl ta' cirka siegh pari ghal mija u seba' u tmenin metri kwadri (187m.k.) jew kejl verjuri;
>
> "2. tiffissa u tistabilixxi okkorrendo l-hatra ta' periti nominandi l-pozizzjoni, u l-konsistenza tal-mandretta annessa mal-lok tad-dar numru 11, Triq Mannar, Xaghra, kif ukoll il-limiti veri u reali tal-

istess mandretta fejn din tmiss mal-porzjon art tal-konvenuti, u tordna li jitqieghdu marki permanenti fir-rigward, u tiddikjara liema art hija ta' parti u liema art hija tal-parti l-ohra;

"3. tiffissa u tistabilixxi okkorrendo l-hatra ta' periti nominandi l-pozizzjoni, u l-konsistenza tal-bicca raba' msejha 'ta' mal-lok' li tigi fuq in-naha ta' wara tal-lok ta' djar numru 11, Triq Mannar, Xaghra, kif ukoll il-limiti veri u reali tal-istess ghalqa fejn din tmiss mal-porzjon art tal-konvenuti, u tordna li jitqeghdu marki permanenti fir-rigward, u tiddikjara liema art hija ta' parti u liema art hija tal-parti l-ohra;

"4. tistabilixxi u tiddetermina dik il-parti jew partijiet tal-proprjeta' li tirrizulta giet illegalment okkupata mill-konvenuti;

"5. tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li lilhom jigi prefiss minn din il-qorti jizgumbraw minn din il-parti jew partijiet tal-proprjeta' tal-atturi li okkupaw abbuzivament, u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi li jizgombraw lill-konvenuti mill-istess u li jnehhu kull xorta ta' xkiel u ngombru fuq l-istess proprjeta' ta' l-atturi.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tal-5 ta' Jannar 2011 (Protest Numru 2/2011).

"Rat li fir-risposta guramentata l-konvenuti eccepew :

"1. Illi preliminarjament, jigi osservat illi fl-azzjoni taghhom l-atturi qed jittentaw azzjoni dupplici cioe' l-*actio rei vendicatoria u l-actio de finium regundorum*. Dawn huma zewg azzjonijiet distinti minn u nkompatibbli ma' xulxin. Din il-konfuzjoni twassal ghan-nullita' tar-rikors guramentat.

"2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost fil-kawza ta' rivendika ntentata minn l-atturi (fl-ismijiet odjerni numru 28/2004 deciza fis-16 ta' Novembru 2010) dawn diga' ppruvaw jattakkaw l-akkwist, il-pjanta u l-qisien annessi ma' l-att ta' l-akkwist tal-konvenuti tat-18 ta' Dicembru 2002 in atti Nutar Dottor Kristen Dimech, u peress illi llum dik il-kwistjoni hija *res iudicata*, b'dak li gie deciz huwa fis-sens illi l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw it-talba ta' rivendika taghhom; l-istess atturi huma prekluzi illi b'xi mod jergghu jattakkaw l-akkwist tal-konvenuti u l-estensjonijiet u pjanti kontenuti fih, jew li jintentaw ir-rivendika.

"3. Illi per konsegwenza ghal dak li jinghad fit-tieni eccezzjoni gialdarba l-kejl u l-estensjoni ta' l-akkwist tal-konvenuti u l-istess att ta' akkwist ma jistghux jigu mpunjati ghal darba ohra minn l-atturi, it-talbiet attrici kwantu jirreferu ghall-estensjoni msemmija fl-akkwist tal-konvenuti ma jistghux jirnexxu.

"4. Illi in aggunt maz-zewg eccezzjonijiet ta' qabel din, it-talbiet attrici qed jerghu jifthu mertu illi huwa *res iudicata*, u kwindi qed tinghata l-eccezzjoni tar-*res iudicata*.

"5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccipjenti jopponu illi ghandhom jigu delinejati xi konfini, stante illi ma hemmx dan il-bzonn, inkwantu l-estensjoni tal-proprjeta' taghhom tirrizulta kjarament mill-att ta' l-akkwist taghhom u mill-provenjenza tat-titolu taghhom.

"6. Illi l-art u l-estensjoni msemmija fl-akkwist dejjem kienu fil-pussess legittimu u legali ta' l-eccipjenti.

"7. Illi l-att ta' l-akkwist ta' l-atturi msemmi fir-rikors guramentat jiccita provenjenza falza.

"8. Illi huwa kkontestat dak li jinghad fir-rikors guramentat fis-sens illi wara s-sentenza fuq citata sar xi twaqqigh ta' hitan jew tnehhija ta' marki divizorji.

"9. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess kemm-il darba tigi akkolta xi talba ghal delimitazzjoni tal-konfini dawn ghandhom jsiru b'mod li l-art tal-konvenuti tkun konformi mal-att ta' l-akkwist taghhom tat-18 ta' Dicembru 2002 in atti Nutar Dottor Kristen Dimech u mal-pjanta annessa ma' l-istess att li llum wara s-sentenza fuq citata ma jistghux jigu impunjata aktar.

"10. Illi t-talbiet attrici qed jigu opposti in toto, bhala nfondati fid-dritt u fil-fatt.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

"Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel hames eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti ghallum.

"Rat l-atti u d-dokumenti tal-kawza nkluz ghalhekk in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**"Kunsiderazzjonijiet**

"1. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>

"Illi permezz ta' l-ewwel eccezzjoni, il-konvenuti qeghdin jeccepixxu n-nullita' tar-rikors guramentat u dan peress li jsostnu li fl-azzjoni taghhom l-atturi qed jittentaw azzjoni dupplici cioe' l-*actio rei vendicatoria u l-actio de finium regundorum* u dawn huma zewg azzjonijiet distinti minn u inkompatibbli ma' xulxin.

"Fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2012 Dr Mario Scerri ghall-atturi ddikjara li l-azzjoni ezercitata hija dik dwar id-delimitazzjoni tal-konfini.

"Illi hekk kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Dolores Debono et vs Joseph Grech et**[1] l-*actio finium regundorum* tiddistingwi ruhha mill-*actio reivindicatoria* inkwantu fejn din ta' l-ahhar tippresuponi kontestazzjoni dwar id-dominju jew titolu tal-proprjeta', dik tar-regolamentazzjoni tal-konfini hi mahsuba biex tirrizolvi kwistjonijiet dwar l-estensjoni tad-dritt fuq il-proprjeta'. L-azzjoni in diskussjoni ghalhekk ittendi biex telimina l-incertezzi tad-demarkazzjoni bejn zewg fondi u taghmel is-sitwazzjoni ta' fatt kompatibbli ghal dik tad-dritt. Fi kliem iehor ghandha bhala skop u finalita' taghha d-determinazzjoni oggettiva tal-fond u l-accertament ta' l-estensjoni tad-dritt. Din l-azzjoni tista' titressaq biss fejn zewg proprjetajiet ta' sidien differenti jkunu jmissu ma' xulxin u fejn hemm dubju dwar fejn tibda l-wahda u tintemm l-ohra.

"Illi referenza ssir ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Tamarac Limited, Vitrex Limited et v. County Leatherware Ltd**[2] fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell ri-affermat li *"l'azione di regolamento di confini presuppone l'incertezza del confine tra due fondi. I rispettivi titoli di proprieta` delle parti non sono contestati; cio` che e` incerto e che l'azione tende ad accertare e l'estensione della proprieta contingue e, quindi, il confine ….. Questa azione ha la natura di una rivendica parziale e presenta alcune particolarita`: ciascuno delle parti e`, al tempo stesso, attore e convenuto."* ***(Torrente Diritto Privato pag 307).***

"Illi fl-istess decizjoni nghad li f'kazi bhal dawn *"non e` ammissibile questa azione nel caso che qualunque sappia precisamente i propri confini, e sostenga che il vicino li abbia oltrepassati; poiche` in tal caso ha luogo l'azione rivendicatoria.' Hainberger, Diritto Romano Privato Puro, para 588; Laurent Vl. VII pag. 373 para 419; Baudry Lacantinerie Dei Beni, pag 566 para 910, kwotati fis-sentenza F. Debattista v. A. Grech 23/4/51)."*

"Illi gie ritenut ukoll li l-*actio finium regundorum* hi azzjoni li tista' tigi tentata b'success fil-kazijiet fejn hemm xi dubju dwar il-konfini bejn proprjeta` u ohra. Fis-sentenza **Victor Mangion et v. Raphael Aquilina et**[3] giet citata s-sentenza fl-ismijiet **Albert Mizzi nomine v. Rita Azzopardi et**[4] fejn inghad li "*f'din l-azzjoni reali u petitorja ma humiex id-drittijiet rispettivi tal-proprjeta` li jitqeghdu in diskussjoni imma l-iskop tal-azzjoni hu dak li jtendi unikament biex tigi eliminata l-incertezza dwar id-demarkazzjoni bejn zewg fondi, u b'hekk is-sitwazzjoni ta' fatt tigi adegwata ghal dik ta' dritt.*"

"Illi inoltre' fl-istess sentenza **Mangion et vs Aquilina et** intqal li *tajjeb li jigi precizat illi tali azzjoni ma titlifx in-natura rikonjittiva taghha lanqas fil-kaz li l-eliminazzjoni tal-incertezza ggib maghha l-obbligu tar-rilaxx ta' dik il- porzjoni indebitament posseduta. Ghalhekk talba f'dan is-*

[1] Cit Nru: 536/1994PS deciza fit-28 ta' April, 2003
[2] Appell Civili deciz fid-19 ta' Jannar, 2010
[3] Cit Nru: 880/1994PS deciza fid-9 ta' Marzu, 2005
[4] Appell deciz fis-27 ta' Marzu, 1996

*sens, kif hekk del resto inhu l-kaz hawnhekk mill-kontenut tat-tielet talba, hi proponibbli in kwantu hi l-konsegwenza ta' l-istanza tar-regolamentazzjoni tal-konfini.*

"Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Ignatius Debono et vs Pauline Debono et**[5]**,** l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkwotat mid-decizjoni fuq citata **Mangion et vs Aquilina et** :

> *""Mill-istess natura ta' azzjoni bhal din, iz-zewg kontendenti huma bla dubju gravati bil-prova li jiddemostraw l-estensjoni tal-fond rispettiv taghhom. Hawnhekk ma japplikax il-principju 'actore non probante, reus absolvitur' in kwantu stante l-karattru 'vindicatio duplex incertae partis', il-konfini jrid jigi determinat in relazzjoni ghal dawk l-elementi probatorji li jkunu attendibbli. M'hemmx dubju li dawn l-elementi jistghu jigu suppliti b'kull mezz ta' kull speci maghruf mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. B'danakollu f'kazijiet ta' din in-natura hemm certi elementi li jistghu jitqiesu decisivi. Hekk, per ezempju, wiehed ma jistax jipprexxindi ruhu mill-ezami tat-titolu ta' akkwist tal-proprjetajiet rispettivi in kwantu dawn certament jikkostitwixxu l-bazi prevalenti ghar-rizoluzzjoni ta' l-incertezza. Trattandosi mbaghad minn posizzjonijiet ta' art wahda organika, jaghmel prova attendibbli l-kejl rizultanti mill-istess attijiet ta' akkwist u mill-pjanti. Dan ghaliex tali kejl huwa evidentement idoneu ghall-individwar b'certa ezattezza tal-linja ta' qasma bejn iz-zewg proprjetajiet limitrofi".*

"Illi l-qorti hija tal-fehma li l-azzjoni attrici hija wahda predomentement bhala dik komunement maghrufa *actio finium regondorum*. L-atturi nfushom ukoll hekk iddikjaraw fl-ewwel seduta. Infatti t-tieni u t-tielet talbiet huma ntizi ghad-delimitazzjoni tal-konfini, filwaqt li l-hames talba attrici qeghdha titlob il-kundanna ghal zgumbrament minn dik il-parti li allegatament il-konvenuti qeghdin jokkupaw abbuzivament liema talba hija permessa f'azzjoni bhal din.

"Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qeghdha tigi michuda.

"<u>Res Judicata</u>

"Illi t-tieni, tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenuti jitrattaw l-eccezzjoni tar-*res judicata*.

"Illi bejn il-partijiet fil-kawza diga' kien hemm diversi proceduri. Il-proceduri rilevanti ai fini ta' l-eccezzjoni in dizamina huma dawk fl-ismijiet 'Luigi Sultana et vs Emmanuel Cremona et' (Cit Nru: 28/2004PC) deciza fis-16 ta' Novembru 2010. Dik l-azzjoni kienet azzjoni ta' rivendika. Il-konvenuti f'dawk il-proceduri ma kienux iddefendew ruhhom biss bil-pussess izda nvokaw it-titolu taghhom.

"L-atturi f'dik il-kawza kienu ghamlu s-segwenti talbiet:

[5] Appell Civili Nru: 2542/1998 deciz fit-28 ta' April, 2006

""1. tiddikjara li l-fond kollu fuq deskritt numru hdax (11), Triq Mannar, Xaghra, Ghawdex, bil-mandretta annessa mieghu tal-kejl ta' cirka mija u sebgha u tmenin metri kwadri (187m.k.) u r-raba' retrostanti l-mandretta, tal-istess kejl ta'cirka mija u sebgha u tmenin metri kwadri (187m.k.), kollox muri fuq il-pjanta dokument B, huma proprjeta' tal-atturi, u li intom il-konvenuti m'ghandhom ebda jeddijiet fuqhom jew ta' parti minnhom;

"2. Tinibixxi lill-konvenuti milli jidhlu fil-fond bil-mandretta, u fir-raba hekk dikjarat proprjeta' tal-atturi jew milli jaghmlu xoghlijiet ohra fil-istess proprjeta`."

"Illi huwa ben stabbilit li sabiex din il-Qorti tilqa' din l-eccezzjoni jridu jikkonkorru tliet elementi u cioe` dawk definiti bhala l-*"eadem causa petendi, eadem personam* u *eadem res"* u dan ifisser li sabiex din il-Qorti ssib illi l-azzjoni li ghandha quddiemha hija fil-fatt milquta bil-gudikat ta' sentenza ohra, jehtieg illi jirrizulta illi fil-fatt fiz-zewg kawzi hemm l-istess partijiet, l-istess oggett u l-istess natura tal-kawza jew kawzali.

"Illi huwa mportanti li jinghad li dwar il-kuncett purament civili ta' *res judicata* kif sancit fl-**artikolu 730 tal-Kap.12** l-eccezzjoni tar-*res judicata* ghandha dejjem tigi deciza b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu. Jekk dan ma jsirx din l-ommissjoni ggib in-nullita' tas-sentenza[6].

"Illi fis-sentenza **Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby et**[7] intqal li:-

*""Eccezzjoni bhal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta' fatt izda hi wahda ta' natura prettament guridika. Huwa importanti pero', u ghandu jinzamm dejjem in mira, illi l-principji legali nvoluti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-gurisprudenza stabbilita in materja izda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-kaz taht diskussjoni u tal-portata tas-sentenza precedenti … … …."*

*"Tajjeb li qabel kull kunsiderazzjoni ohra tigi ribadita l-enuncazzjoni kaptata mid-decizjoni fl-ismijiet* ***'Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et',*** *Appell Kummerc, 5 ta' Novembru 1934":-.*

*""Illi dan peress "exceptio rei judicatae" ghandha bhala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll ghaliex "interest rei publicae ut sit finis litiu". Sentenza li ghaddiet "in giudicatio", jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma tajba u sewwa u tal-haqq - "res judicata pro veritate habetur" – jigifieri l-fundament tal-"actio" u tal-"exceptio judicat"' hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija "strictissimae interpretationis."*

"Illi fis-sentenza **Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et**[8] gie riaffermat li:-

---

[6] **Paolo Azzopardi vs Paolo Abela noe** A.K. deciza fl-10 ta' Dicembru 1954; **Salvina Pullicino et vs Carmel Busuttil** P.A. RCP deciza fis- 26 ta' Gunju 2008.
[7] Cit Nru: 1792/1999PS deciza fit-28 ta' Marzu 2003
[8] Cit Nru: 766/2000JRM deciza fil-25 ta' Settembru 2003

*““Tlieta huma l-elementi li jmisshom jigu murija minn min iqanqal l-eccezzjoni biex din issehh. Dawn l-elementi huma l-istess oggett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eadem causa petendi). Huwa siewi li wiehed izomm quddiem ghajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eccezzjoni tirnexxi jehtieg li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru ghax, fin-nuqqas, ma jistax jinghad li l-haga hija l-istess (nisi omnia concurrunt, alia res est).”*

“Illi, kif inghad f’ghadd ta’ decizjonijiet, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares incertezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f’sentenza, li tbieghed il-possibbilta` ta’ decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibbilta` ta’ kwistjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat; minhabba fil-fatt li dik l-eccezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn qorti, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tkun ta’ interpretazzjoni stretta, tant li, f’kaz ta’ dubju, il-gudikant ghandu jaqta’ kontra dik l-eccezzjoni.

“Illi, min-naha l-ohra, dan il-principju huwa bilancjat b’dak l-iehor daqstant importanti li, fejn kwistjoni tkun giet definita u trattata, is-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata; jew, jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li tippreskrivi l-ligi, ma tistax issir l-ebda procedura ohra li tattakka lil dik is-sentenza. Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza jkun diga’ jezisti fil-waqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza.

“Illi ghalhekk isegwi li l-eccezzjoni tal-gudikat tintrabat mal-ezistenza ta’ sentenza; il-kwistjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispozittiva taghha (fil-kliem strettament uzati mill-gudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintaghmlu u li jwasslu ghal dik is-sentenza; fuq dan il-punt inghad diversi drabi li l-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta’ gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha nteress li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-motivi tal-*causa petendi* fit-tieni provediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat.

“Illi min-naha l-ohra fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Borg et vs Anthony Willoughby et** gie ritenut li sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa’ mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat[9]. Dan ifisser li l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b’cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta *si tratta* minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun

[9] Vide **Caterina Gerada vs Av Dr Antonio Caruana,** App Civ deciza fis-7 ta’ Marzu 1958.

hemm dak li jissejjah tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet ‘effettivament’ deciza bis-sentenza ta’ qabel, u mhux biss li setghet tigi deciza[10]. Infatti huwa maghruf li *“nel dubbio il giudice non deve prepondere per la cosa giudicata.”*[11]

“Illi ghal dak li jirrigwarda l-*eadem res,* fis-sentenza **Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Limited**[12] gie kkonfermat li din ghandha *“tinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghat-talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat”.*

“Illi l-bazi ghal dan ir-rekwizit hija ghalhekk cara u fis-sens li sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk dik hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien ipprova jitlob b’talba precedenti li giet determinata minn sentenza. Minn dan isegwi li anki jekk l-oggett ta’ talba gdida hu simili ghal ta’ decizjoni precedenti, din is-similarita’ mhix ostaklu ghal talba gdida ghaliex l-effetti ta’ sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-Qrati.

“Illi ghar-rigward tal-*eadem causa petendi,* din il-kondizzjoni tirrikjedi li *“the cause of the claim”* kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Illi l-***Prof. Caruana Galizia*** f’**”Notes on Civil Law”** (Pt.IV p.1428) spjega li l-*causa petendi* hi *“the title on which the demand is based”* . Illi ghalhekk, din hija t-titlu, cioe’, il-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta’ l-*eadem causa petendi* tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawza li kontenuti fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b’sentenza li ghaddiet in gudikat.

“Illi dwar l-*eadem personae*, fis-sentenza fl-ismijiet **Innocenza Debattista et vs Giovanni Farrugia**[13] il-Qorti qalet li *“biex ikun hemm il-gudikat, jehtieg…li s-sentenza ta’ qabel kienet giet maqtugha f’kawza bejn l-istess persuni…”* Illi pero’ dan ma jfissirx li *“l-promoturi tal-istess procedura setghu jipproponu mill-gdid kawza identika bl-inseriment ta’ persuna taghhom li ma kinitx verament necessarja mill-aspett legali”*[14].

“Illi din il-qorti se tghaddi biex tikkwota partijiet mis-sentenza li nghatat fl-istess ismijiet tal-kawza odjerna li giet deciza fis-16 ta’ Novembru 2010.

---

[10] Vide **Caterina Gerada vs Av Dr Antonio Caruana,** App Civ deciza fis-7 ta’ Marzu 1958.
[11] Vol. XXIX.i.1155
[12] Cit Nru 1209/00RCP deciza fid-9 ta’ Jannar 2002
[13] PA deciza fit-13 ta’ Frar 1958, Vol XLII.ii.917
[14] Vide **Igino Trapani Galea Feriol et vs Jane mart Jimmy Agius et,** App Civ deciza fit-2 ta’ Lulju 1996, Vol LXXX.ii.804

*““L-atturi, kif gia nghad, qeghdin jibbażaw it-titolu taghhom fuq il-kuntratt ta' akkwist tad-19 ta' Mejju 1960. Imma kuntrarjament ghal dak li hemm indikat fil-pjanta annessa mac-citazzjoni, li l-atturi jippretendu li turi l-estensjoni tal-proprjeta' li qed jittentaw jirrivendikaw, l-istess kuntratt ma jhalli ebda dubbju li l-"mandretta" annessa mal-lok u l-bicca raba' "ta' mal-lok"* ***ma jmissux*** *ma' xulxin, u bejniethom hemm beni li, meta sar dan il-kuntratt, kien ghadhom jappartjenu lil Vittorio Azzopardi. Dan ghaliex jinghad fl-istess deskrizzjoni li ghalqa wahda kienet soggetta ghad-dritt ta' passagg favur il-beni ta' dan Vittorio Azzopardi, u l-ohra kienet tgawdi d-dritt ta' passagg minn fuq il-beni ta' l-istess persuna. Zgur ghalhekk li titolu tajjeb fuq l-art* ***kollha*** *indikata fuq il-pjanta annessa mac-citazzjoni, l-atturi ma ppruvawx li ghandhom, u dan minkejja li l-kejl indikat fuq din il-pjanta huwa* ***inqas*** *minn dak dikjarat fil-kuntratt.”*

“Mill-provi prodotti jidher pero' illi sew il-vendituri ta' l-atturi kif ukoll l-eredi ta' Vittorio Azzopardi fl-okkazzjoni tas-subbasta tal-1982, ma kienux jafu ezatt f'hiex kienet tikkonsisti u sa fejn kienet twassal il-proprjeta' ta' Salvatore Azzopardi u dik ta' hu Vittorio, u dan x'aktarx kien dovut ghall-komplikazzjonijiet involuti f'din id-divizjoni, u ghall-fatt li kulhadd jaqbel dwaru illi biz-zmien hafna partijiet mil-lok kienu ggarrfu u ghalhekk ma setax jigi stabbilit bi precizjoni liema kienu partijiet mill-istess lok u liema kienu l-btiehi jew mandretti annessi. Fl-assenza wkoll ta' pjanti li jmorru lura ghal dawk it-trasferimenti, (dik ipprezentata mill-atturi saret fl-okkazzjoni tal-kawza, u dik esebita mill-konvenuti saret biss fl-1995 minghajr ma gew ikkonsultati l-girien), kien impossibbli ghal din il-Qorti li tistabilixxi b'certa precizjoni l-veri konfini tal-proprjetajiet rispettivi.

“Ghaldaqstant, billi gie stabbilit minghajr dubbju illi l-art li l-atturi xtraw fl-1960 ma kienitx tikkonsisti f'dak kollu li jindikaw fil-pjanta annessa mac-citazzjoni, u lanqas setghu akkwistaw l-istess proprjeta' bil-preskrizzjoni, it-talbiet tagħhom ma jistghux jigu milqugha. Dan pero' mhux ghax irrizulta illi l-istess art, jew ta' l-inqas partijiet definittivi minnha, jappartjenu lill-konvenuti, imma semplicement ghax hadd mill-kontendenti ma rnexxielu jipprova sodisfacentement kemm attwalment jipposjedi mill-art annessa mal-fond illum numru hdax (11) Triq Mannar, ix-Xaghra, u x'inhuma l-konfini taghha”.

“Il-qorti ghaddiet ghalhekk billi cahdet it-talbiet attrici. L-atturi m’appellawx minn din is-sentenza u kwindi tali sentenza llum ghaddiet in gudikat. M’hemmx dubju li l-atturi peress li l-qorti semmiet li ma setghetx tistabilixxi l-konfini tal-proprjetajiet rispettivi hadu l-imbekkata biex ipprezentaw il-proceduri odjerni.

“Jehtieg ghalhekk in vista tal-gurispridenza fuq citata jigi ezaminat jekk fil-proceduri odjerni l-elementi tal-gudikat humiex sodisfatti.

“Jinghad mill-ewwel li r-rekwizit ta’ l-*eadem personae* huwa sodisfatt peress li l-partijiet fiz-zewg kawzi huma l-istess.

"Illi l-azzjoni tallum kif diga' gie stabbilit hija azzjoni ntiza ghal regolament tal-konfini izda l-qorti ma tistax tieqaf hawn b'ezami tant semplicistiku.

"Huwa fatt li fl-ewwel azzjoni ta' rivendika l-kawza ta' l-atturi giet michuda. Verament li l-qorti f'dik is-sentenza kkummentat li kienet qeghdha tichad mhux ghaliex kellha xi prova li xi partijiet mill-art jappartjenu lill-konvenuti pero' l-fatt jibqa' li l-qorti cahdet it-talbiet attrici u ghalhekk dak li kien possedut mill-konvenuti baqghu f'idejhom.

"Huwa minnu wkoll, kif qalu l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, li f'dik is-sentenza l-qorti rriteniet li kemm l-atturi kif ukoll il-konvenuti ghandhom partijiet mill-art li hemm mad-dar numru 11, Triq Mannar, Xaghra. Infatti l-qorti qalet hekk:

> *""L-atturi jitfghu dubbju dwar kemm l-art akkwistata mill-konvenuti tista' tkun verament sitwata fl-istess inhawi fejn huma ghandhom il-proprjeta' taghhom. Huwa minnu illi lanqas ma gew esebiti ebda site plans mill-konvenuti, imma mid-deskrizzjonijiet u irjiehat mogħtija dwar iz-zewg fondi, mix-xhieda tal-perit Dimech li kien mar ikejjel fuq il-post bhala parti mill-inkarigu tieghu ta' perit tekniku fis-subbasta msemmija, u mill-iskizz redatt minnu, meta mqabbel ma' dak ippreparata mill-perit Saliba, kif ukoll ma' dak maghmul mill-perit Vella, jidher illi hawn si tratta mill-istess inhawi, u ghalhekk necessarjament hemm xi overlapping bejn dak li xtraw l-atturi u dak li akkwistaw il-konvenuti.*
>
> *"Jidher madankollu illi l-konvenuti wkoll ipproducew prova ta' titolu fuq parti (li pero' baqghet qatt ma giet definite sew) mill-art li l-atturi qeghdin jghidu illi hija taghhom, u li almenu tmur lura sa din is-subbasta."*

"Izda l-qorti cahdet it-talbiet attrici. L-ghan ta' dik il-kawza kien li jigi dikjarat li l-fond numru 11, fi Triq Mannar, Xaghra, Ghawdex bil-mandretta annessa mieghu tal-kejl ta' cirka 187m.k. u r-raba' retrostanti l-mandretta, tal-istess kejl ta' cirka 187m.k. kollox muri fuq il-pjanta dok B, huma proprjeta' taghhom u li l-konvenuti m'ghandhom ebda jeddijiet fuqhom jew ta' parti minnhom.

"Fil-kawza odjerna hekk kif proposta l-ewwel talba li l-qorti ghandha quddiemha hija li 'tiddikjara li l-kejl tal-mandretta annessa mal-lok tad-djar numru 11, Triq Mannar, Xaghra, huwa tal-kejl ta' cirka siegh pari ghal 187 m.k. jew kejl verjuri, kif ukoll il-porzjoni art maghrufa 'ta' mal-lok', li tigi wara l-mandretta msemmija, hija wkoll tal-kejl ta' cirka siegh pari ghal 187m.k. jew kejl verjuri'.

"Huwa evidenti li din l-ewwel talba hija prattikament identika ghall-ewwel talba fl-azzjoni numru 28/2004 hlief li f'dik odjerna gew introdotti l-kliem 'cirka' jew 'kejl verjuri' u tnehhiet it-talba ghal dikjarazzjoni ta' proprjeta'. Biss dawn il-kliem ma jbiddlux il-fatt li dan il-mertu diga' gie diskuss mill-qorti fis-sentenza taghha. Hawn si tratta ta' l-istess art li kienet is-suggett tal-kawza l-ohra. Oltre' dan dik il-qorti rriteniet ukoll li l-mandretta annessa mal-lok u l-bicca raba' 'ta' mal-lok', ma jmissux ma'

xulxin u bejniethom hemm beni li meta l-atturi xtraw, permezz tal-kuntratt li abbazi tieghu kienu qeghdin jivvantaw it-titolu taghhom kien ghadhom jappartjenu lil Vittorio Azzopardi. L-istess qorti kompliet *"Zgur ghalhekk li titolu tajjeb fuq l-art kollha ndikata fuq il-pjanta annessa mac-citazzjoni, l-atturi ma ppruvawx li ghandhom, u dan minkejja li l-kejl indikat fuq din il-pjanta huwa nqas minn dak dikjarat fil-kuntratt".*

"Fil-kawza odjerna, l-atturi ghar-rigward tar-raba' 'ta' mal-lok' ressqu l-istess talba li kienu ressqu fil-kawza li diga' giet deciza.

"Fil-kawza esperita llum il-qorti bilfors trid tezamina l-estensjoni tal-art tal-partijiet rispettivi. Illi fil-kawza precedenti l-ewwel qorti kienet ghamlet ezercizzju biex tistabbilixxi min mill-partijiet ghandu l-ahjar titolu ghall-art in kontestazzjoni. Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jergghu jistiednu lill-qorti terga' taghmel l-istess ezercizzju. Dan huwa evidenti mill-ewwel talba kif imposta ghaliex biex ikun hemm dikjarazzjoni li r-raba' huwa tal-kejl indikat is-sottointeza hija li l-atturi huma wkoll proprjetarji ta' l-istess – kwistjoni li diga' giet deciza. Ma jridx jintesa li fl-azzjoni ta' rivendika l-azzjoni attrici falliet u l-konvenuti ghalhekk baqghu jgawdu l-pussess li kellhom.

"Illi ghalhekk huwa ovvju li din it-tieni kawza li saret mill-atturi mhi xejn ghajr tentattiv sabiex jergghu jifthu berah it-trattazzjoni tal-istess kwistjoni u b'hekk jippruvaw jinnewtralizzaw l-ewwel deczijoni. Infatti bil-kawza odjerna jkun hemm riskju li jkun hemm proprju zewg gudizzju kunfliggenti.

"Ghalhekk din l-eccezzjoni hija misthoqqa.

"Ghal dawn il-motivi din il-qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet tar-*res judicata* u ghalhekk tichad it-talbiet attrici.

"Bl-ispejjez a karigu tal-atturi hlief dawk relatati ma' l-ewwel eccezzjoni li ghandhom ikunu a karigu tal-konvenuti."

## Rikors tal-appell tal-atturi Luigi u Carmela Sultana fit-8 ta' Lulju 2013

**3.** L-atturi ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti inkwantu hija laqgħet "*it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames*[15] *eċċezzjonijiet*

[15] Jiġi ppreċiżat illi għalkemm it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet effettivament jirrigwardaw il-kwistjoni tar-*res judicata*, il-ħames eċċezzjoni effettivament m'għandhiex x' taqsam mar-*res judicata*, fil-fatt tgħid hekk:

> "*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-eċċipjenti jopponu li għandhom jiġu delineati xi konfini, stante li ma hemmx dan il-bżonn, in kwantu l-estenzjoni tal-*

*tar-res judicata*" u għalhekk interponew dan l-appell minnha. Huma jagħmlu s-segwenti argumenti f'dan ir-rigward:

- Jgħidu li għalkemm l-ewwel Qorti kienet korretta meta ħarġet id-distinzjoni bejn l-*actio rei vindicatoria* (il-kawża 28/2004) u l-*actio de finium regundorum* (il-kawża odjerna), kienet żbaljata meta kkonkludiet li l-vertenza li tifforma l-mertu ta' din il-kawża kienet kolpita bil-ġudikat tas-sentenza mogħtija fil-kawża 28/2004.

- Jargumentaw illi ir-reklam tagħhom fil-kawża 28/2004 kellu bħala oġġett l-art kollha, inkluż dik li tifforma l-oġġett tal-akkwist mill-konvenuti bil-kuntratt tat-18 ta' Diċembru 2002, u għalhekk dak li intalab f'dik il-kawża ma kienx ir-regolament tal-konfini iżda reklam ta' art sħiħa, minn fejn irriżulta li huma (l-atturi) għandhom partijiet minnha iżda mhux l-art kollha. Iżidu jgħidu illi l-azzjoni odjerna, invece, hija dik ta' stabbiliment ta' konfini bejn il-biċċiet art rispettivi tal-partijiet, u hija bbażata fuq id-dispożizzjoni tal-Artikolu 325 tal-Kodiċi Ċivili.

- Isostnu illi l-azzjoni odjerna għalhekk bl-ebda mod ma ġiet eżawrita bis-sentenza mogħtija fil-kawża 28/2004.

- Fir-rigward tal-ħames eċċezzjoni (fejn il-konvenuti eċċipew illi l-estenzjoni tal-proprjeta` tagħhom tirriżulta kjarament mill-att tal-akkwist tagħhom u mill-provenjenza tat-titolu tagħhom) liema eċċezzjoni fil-fatt ġiet milqugħa mill-ewwel Qorti, l-atturi jaċċennaw għall-fatt illi fis-sentenza mogħtija fil-kawża 28/2004 invece ġiet ritenut illi:

"… *kien impossibbli għal din il-Qorti li tistabbilixi b'ċerta*

---

*proprjeta` tagħhom tirriżulta kjarament mill-att tal-akkwist tagħhom u mill-provenjenza tat-titolu tagħhom.*"

*preċiżjoni l-veri konfini tal-proprjetajiet rispettivi*", u li

> *"… ħadd mill-kontendenti ma rnexxielu jipprova sodisfaċentement kemm attwalment jippossjedi mill-art annessa mal-fond numru ħdax (11), Triq Mannar, Xagħra, u x'inhuma l-konfini tagħha."*

- L-atturi appellanti jsostnu li dak li ġie deċiż fil-kawża 28/2004 kellu neċessarjament iwassal għal din l-azzjoni odjerna, sabiex jiġu stabbiliti bi preċiżjoni l-konfini tal-fondi li għandhom il-partijiet imissu ma' xulxin.

- Jilmentaw illi l-ewwel Qorti fil-kawża odjerna ma kellhiex tasal għall-konklużjoni li t-talbiet tagħhom biex jiġu stabbiliti l-konfini kienu milquta bil-ġudikat, ladarba fil-kawża 28/2004 ma ġiex stabbilit x'inhuma tali konfini.

**<u>Risposta tal-appell tal-konvenuti appellati tal-31 ta' Lulju 2013</u>**

**4.** Il-konvenuti appellati da parti tagħhom wieġbu biex jgħidu li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti.

- Huma jaċċennaw għall-fatt illi t-talbiet tal-atturi fil-kawża 28/2004, li permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-16 ta' Novembru 2010 ġew miċħuda minnha ma sar l-ebda appell, jaqraw hekk:

> *"1. Tiddikjara li l-fond kollu fuq deskritt numru 11, Triq Mannar, Xagħra, Għawdex, bil-mandretta annessa miegħu tal-kejl ta' ċirka mija u sebgħa u tmenin metri kwadru (187mk) u r-raba retrostanti l-mandretta tal-istess kejl ta' cirka mija u sebgħa u tmenin metri kwadru (187mk) kollox muri fuq il-pjanta dokument B, huma proprjeta` tal-atturi, u li intom il-konvenuti m'għandkom l-ebda jeddijiet fuqhom jew ta' parti minnhom.*

*"2. Tinibixxi lill-konvenuti milli jidħlu fil-fond bil-mandretta u fir-raba hekk dikjarat proprjeta` tal-atturi jew milli jagħmlu xogħlijiet oħra fl-istess proprjeta`."*

- Jaċċennaw imbagħad għall-ewwel talba tal-atturi fil-kawża odjerna, li taqra hekk:

"*1. Tiddikjara li l-kejl tal-mandretta annessa mal-lok tad-djar numru 11, Triq Mannar, Xagħra, huwa tal-kejl ta' ċirka siegħ pari għal mija u sebgħa u tmenin metri kwadri (187mk) jew kejl verjuri, kif ukoll il-porzjoni art magħrufa "ta' mal-lok" li tiġi wara l-mandretta msemmija hija wkoll tal-kejl ta' ċirka siegħ, pari għal mija u sebgħa u tmenin metri kwadri (187mk) jew kejl verjuri.*"

- Jikkummentaw illi dawn huma l-istess talbiet, imqiegħda bi kliem li għalkemm mhux identiku, huwa simili, tant li jekk jirnexxu f'din it-talba jkunu laħqu l-iskop li ma rnexxilhomx jilħqu bl-ewwel talba fil-kawża 28/2004.

- Jenfasizzaw illi l-atturi fil-kawża 28/2004 ma rnexxilhomx jirrivendikaw dak li huma (l-konvenuti) kienu qegħdin fiżikament jippossjedu (kull talba ta' rivendika tippresupponi pussess fiżiku). Jargumentaw illi huma kienu fil-pussess ta' dak kollu li akkwistaw bil-pjanta annessa mal-att tal-akkwist tagħhom tat-18 ta' Diċembru 2002, u li allura fin-nuqqas ta' suċċess tal-atturi fl-azzjoni vindikatorja intentata minnhom, dan baqa' f'idejhom (il-konvenuti), u wara li s-sentenza għaddiet in ġudikat l-atturi ma jistgħux jieħdu ċans ieħor b'kawża oħra li tittratta l-istess talbiet immaskerati.

- Jaċċennaw għall-fatt li l-elementi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat huma li tkun teżisti sentenza fir-rigward ta' kawża, fejn (i) il-persuni, (ii) l-oġġett, u (iii) l-kawżali, ikunu identiċi għal dawk ta' kawża ġdida. Iżidu jgħidu li l-ġudikat japplika mhux biss għal dak li

ġie diskuss fl-ewwel kawża, iżda wkoll għal dak li messu ġie diskuss fl-ewwel kawża, b'dan li jekk l-eżistenza ta' kwistjoni mqajma fit-tieni kawża kienet diġa` teżisti u setgħet kienet rilevanti (anke jekk mhux espressament diskussa) fl-ewwel kawża, dan ukoll jagħti lok għal ġudikat fuq il-kwistjoni.

- Bħall-atturi appellanti wkoll jagħmlu riferenza għal dak li rriteniet il-Qorti fil-kawża 28/2004, u cioe`:

> *"…ħadd mill-kontendenti ma rnexxielu jipprova sodisfaċentement kemm attwalment jippossjedi mill-art annessa mal-fond numru ħdax (11), Triq Mannar, Xagħra, u x'inhuma l-konfini tagħha."*

- Jargumentaw illi l-kawża kienet tal-attur, u ladarba ma rnexxilux fil-kawża, dak ippossedut minnhom għandu jibqa' minnhom possedut. Isostnu li ladarba l-atturi ma rnexxilhomx jieħdu tali pussess, ma jistgħux issa jerġgħu jittentaw jieħduh b'kawża simili (cioe` din odjerna). Isostnu li dak li qed jippruvaw jagħmlu l-atturi hu li taħt il-kappa tal-azzjoni għall-fissazzjoni tal-konfini, jerġgħu jistiednu lill-Qorti sabiex tiddikjaraham proprjetarji ta' dawk il-porzjonijiet art li ma rnexxilhomx jirrivendikaw fl-azzjoni l-oħra.

- Jargumentaw ukoll illi għalkemm l-ewwel Qorti qalet li kienet qed tirriġetta l-kawża minħabba nuqqas ta' prova, u għalkemm ikkummentat li ħadd mill-kontendenti ma rnexxielu jressaq prova ta' dak li verament huwa tiegħu, dan ma jfissirx li l-kwistjoni ma ġietx deċiża definittivament.

**<u>Il-kawża 28/2004 fl-istess ismijiet, deċiża fis-16 ta' Novembru 2010 (mhux appellata)</u>**

**5.** Sabiex wieħed jifhem aħjar l-appell tal-atturi, u l-kwistjoni dwar l-eċċezzjoni tar-*res judicata*, huwa importanti li fl-ewwel lok jiġi spjegat sew l-isfond tal-kawża 28/2004 (fl-istess ismijiet bħal din odjerna 66/2012) u l-eżerċizzju li għamlet il-Qorti li wassalha biex tiċħad it-talbiet tal-atturi.

**6.** Meta l-atturi intavolaw il-kawża 28/2004, maċ-ċitazzjoni ppreżentaw:

(i) Dok A: kopja tal-kuntratt tad-19.05.1960; u

(ii) Dok B: kopja ta' pjanta redatta mill-perit Emanuel Vella, ta' "*Oct. 92*"

**7.** Skont l-imsemmi kuntratt tal-1960 (Dok A) l-attur Luigi Sultana xtara mingħand l-aħwa Giovanna, Angiolina, Carmelo u Giovanni Azzopardi (ulied Salvatore Azzopardi u Maria nee` Sultana):

*(a) lok ta' djar li jinsab f'Għawdex, ix-Xagħra, Triq Mannar, numru ħdax, 11, bil-mandretta miegħu annessa tal-kejl ta' cirka siegħ*[16]*, b'li fiha, u liema lok ta' djar jikkonsisti f'kamra mġarrba u żewġt ikmamar oħra li attwalment qegħdin jintużaw għall-annimali; il-mandra fuq imsemmija hija soġġetta għad-dritt tal-passaġġ għaf-favur ta' beni ta' Vittorio Azzopardi; u*

[16] ekwivalenti għal 187mk

*(b) biċċa raba msejħa "ta' mal-lok", fl-limiti tax-Xagħra, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka siegħ[17], b'li fiha, tmiss punent ma' beni tal-eredi ta' Vittorio Azzopardi, Tramuntana ma' beni ta' Angela Azzopardi, u Nofsinhar ma' beni ta' Michelina Said, tgawdi dina l-biċċa raba d-dritt ta' passaġġ minn fuq beni ta' Vittorio Azzopardi.*

**8.** Skont dak premess mill-atturi fiċ-ċitazzjoni, il-proprjeta` kollha mixtrija permezz ta' dan il-kuntratt hija murija fuq l-imsemmija pjanta - Dok B. (Ma jistax wieħed ma josservax illi għalkemm il-kuntratt jgħid li Luigi Sultana xtara lok ta' djar u mandretta (bil-kejl ta' cirka 187mk) u biċċa raba (bil-kejl ta' 187mk) u li allura dawn fihom total ta' 374mk, fuq il-pjanta Dok B hemm indikat kejl ta' 340mk.)

**9.** L-atturi ppremettew illi sa mill-1960, tali proprjeta` baqgħet dejjem fil-pussess tagħhom sakemm "*riċentement*", il-konvenuti bdew jippretendu li għandhom jeddijiet ta' proprjeta` kemm fuq ir-raba u l-mandretta, kif ukoll fuq parti mill-ambjenti li jiffurmaw parti mil-lok tad-djar, u li skont l-istess konvenuti dawn akkwistawhom mingħand terzi b'kuntratt tat-18 ta' Diċembru 2002.

**10.** Kien għalhekk li l-atturi fetħu l-kawża msemmija u fiha talbu:

(i) li jiġi dikjarat li l-fond numru 11, Triq il-Mannar, Xagħra, bil-mandretta annessa miegħu tal-kejl ta' cirka 187mk u r-raba retrostanti l-mandretta tal-istess kejl ta' cirka 187mk, kollox muri

[17] ekwivalenti għal 187mk

fuq il-pjanta Dok B, huma proprjeta` tagħhom;

(ii) u biex konsegwentement il-konvenuti jiġu inibiti milli jidħlu f'tali proprjeta` jew jagħmlu xi xogħlijiet fiha.

**11.** Il-kontendenti qablu illi l-kawża eżerċitata mill-atturi kienet l-*actio rei vindicatoria.*

**12.** Il-konvenuti da parti tagħhom sostnew li min biegħ lil Luigi Sultana permezz tal-kuntratt tal-1960 ma kienx sid ta' dak li kien qed ibiegħ, u li l-provvenjenza ċitata fil-kuntratt tal-1960 hija falza.

**13.** Huma eċċipew illi l-art mertu tal-kawża hija invece proprjeta` assoluta tagħhom (Emanuel u Rose Cremona) u li ġiet akkwistata minnhom mingħand John u M'Carmela konjuġi Cauchi b'titolu validu fil-liġi permezz tal-kuntratt tat-18 ta' Diċembru 2002, u li tali art dejjem kienet fil-pussess tagħhom jew tal-predeċessuri tagħhom fit-titolu. F'dan il-kuntratt ingħad illi dak li kien qed jiġi trasferit kienet:

> *"… il-porzjon art fi Triq Mannar, Xagħra, Għawdex, tal-kejl ta' cirka mitejn u tmenin metru kwadru (280mk) konfinanti punent in parti ma' Triq Mannar u in parti ma' beni ta' Luigi Sultana, tramuntana ma' beni ta' Dominic Xuereb, u lvant ma' beni ta' Maria Azzopardi jew l-aventi kawża tagħha u nofsinhar ma' beni ta' Michelina Said….."*

**14.** Bħala provenjenza ġie dikjarat li l-vendituri konjuġi Cauchi kienu akkwistaw il-proprjeta` b'titolu oneruż fil-21 ta' Diċembru 1995. Fil-fatt

ġie esebit il-kuntratt tal-21 ta' Diċembru 1995 li bih il-konjuġi Cauchi akkwistaw il-proprjeta` mingħand Joseph u Mary Jane konjuġi Attard. Ġie dikjarat li l-proprjeta` kienet ipperveniet lill-vendituri konjuġi Attard b'ċedola fl-atti tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri Ċivili, fl-ismijiet **Joseph Attard v. Salvatore Azzopardi pro et nomine et** ippreżentata fit-22 ta' Ottubru 1982 wara subbasta fl-ismijiet **Salvatore Azzopardi proprio et nomine v Pietra mart Emanuel Muscat**.

**15.** Il-Qorti spjegat illi din is-subbasta saret in segwitu għal sentenza tal-istess Qorti tal-11 ta' Diċembru 1980, li skont il-konvenuti kien ġie ordnat il-bejgħ ta' beni provenjenti mill-eredita` ta' Vittorio Azzopardi.

**16.** Il-konvenuti esebew kuntratt ta' diviżjoni tas-7 ta' Lulju 1928 minn fejn irriżulta li Salvatore Azzopardi (ħu Vittorio Azzopardi) kien ġie assenjat:

> "... *una porzione di terra 'il-mandra ta' ħdejn il-lok' in Caccia, Strada Mannar, di un mondello confinante da levante con beni di Bernardo Hili e da ponente con beni dei condividenti…"*

**17.** Il-Qorti spjegat li jidher li din kienet l-istess għalqa magħrufa "*ta' ħdejn il-lok"* li fl-1960 inbiegħet (flimkien mal-lok numru 11 u l-mandretta annessa, minn ulied dan Salvatore Azzopardi lill-attur Luigi Sultana).

**18.** Vittorio Azzopardi kien ġie assenjat:

*"... una porzione di luogo di case in Caccia, Strada Mannar, numero quattro (4) consistente di una entrata comune, una porzione di mandretta e cortile di tre misure, una camera ad uso di bovile con porta per il-cortile, un' altra camera con porte per il cortile con diritto di attingere acqua dalla spera esistente nella sesta porzione, confinante da ponente con beni di Salvatore Azzopardi, di levante con la sesta porzione e di mezzodì con entrata…."*

**19.** Il-Qorti spjegat illi dan il-fond bin-numru 4 huwa l-istess wieħed li sussegwentement ingħata n-numru (11) u li l-atturi xtraw partijiet minnu bl-kuntratt tal-1960.

**20.** Fis-sentenza tagħha mogħtija fis-16 ta' Novembru 2010 irriteniet li kien irriżultalha:

- li l-proprjetajiet tal-kontendenti jinsabu fl-istess inħawi;

- li neċessarjament hemm "*overlapping*" bejn dak li xtara l-attur fl-1960 u dak li akkwistaw il-konvenuti fl-2002;

- li l-kuntratt tal-1960 ma jħalli l-ebda dubju li l-"*mandretta*" annessa mal-lok tad-djar u l-biċċa raba "*ta' mal-lok*" ma jmissux ma' xulxin, u li bejniethom kien hemm beni li dak iż-żmien kienu għadhom jappartjenu lil Vittorio Azzopardi;

- li konsegwentement l-attur ma ppruvax li għandu titolu fuq l-art kollha indikata fuq il-pjanta Dok B, u dan minkejja li l-kejl indikat fuq tali pjanta huwa inqas minn dak dikjarat fil-kuntratt;

- li lanqas ma seta' l-attur akkwistaha bil-preskrizzjoni akkwiżittiva - la dik ta' għaxar (10) snin u lanqas dik ta' tletin (30) sena;

- li kemm il-vendituri ta' Luigi Sultana (ulied Salvatore Azzopardi) kif ukoll l-eredi ta' Vittorio Azzopardi, fl-okkażjoni tas-subbasta tal-1982, ma kienux jafu eżatt fhiex kienet tikkonsisti u sa fejn kienet twassal il-proprjeta` ta' Salvatore Azzopardi u dik ta' ħuh Vittorio Azzopardi, u li dan x'aktarx kien dovut għall-komplikazzjonijiet involuti fid-diviżjoni, u għall-fatt li biż-żmien ħafna partijiet mil-lok iġġarfu u għalhekk ma setax jiġi stabbilit bi preċiżjoni liema kienu partijiet mil-lok, u liema kienu l-btieħi jew il-mandretti annessi.

**21.** Għaldaqstant ikkonkludiet illi fl-assenza ta' pjanti li jmorru lura għal dawn it-trasferimenti, kien impossibbli għaliha li tistabbilixxi b'ċerta preċiżjoni l-veri konfini tal-proprjetajiet rispettivi.

**22.** Hija ma laqgħetx it-talbiet tal-atturi iżda għamlitha ċara li dan ma kienx għaliex irriżulta li l-istess art (jew partijiet minnha) jappartjenu lill-konvenuti, imma sempliċiment għaliex:

> *"... ħadd mill-kontendenti ma rnexxilu jipprova sodisfaċentement kemm attwalment jippossjedi mill-art annessa mal-fond illum numru ħdax (11) Triq Mannar, ix-Xagħra, u x'inhuma l-konfini tagħha."*

**<u>Il-kawża odjerna 66/2012</u>**

**23.** Madwar sena u nofs wara d-deċiżjoni fuq imsemmija, l-atturi intavolaw il-kawża tal-lum u fiha talbu li:

(i) jiġi dikjarat li l-kejl tal-mandretta annessa mal-lok tad-djar 11, Triq Mannar, Xagħra, huwa tal-kejl ta' cirka siegħ, pari għal

187mk (jew kejl verjuri), kif ukoll il-porzjon art magħrufa bħala "ta' mal-lok" li tiġi wara tali mandretta, hija wkoll tal-kejl ta' cirka siegħ, pari għal 187mk (jew kejl verjuri);

(ii) li tiġi ffissata l-konsistenza tal-mandretta u l-limiti veri u reali ta' tali mandretta fejn din tmiss mal-art tal-konvenuti u li jitqiegħdu marki permanenti;

(iii) li tiġi ffissata l-konsistenza tar-raba "ta' mal-lok" u l-limiti veri u reali ta' tali raba fejn din tmiss mal-art tal-konvenuti u li jitqiegħdu marki permanenti;

(iv) li tistabbilixxi dik il-parti/partijiet illegalment okkupata mill-konvenuti;

(v) li tordna lill-konvenuti jiżgumbraw minn tali parti/partijiet.

**24.** Il-konvenuti qajmu l-eċċezzjoni tar-*res judicata* b'referenza għad-deċiżjoni mogħtija fil-kawża 28/2004 (fuq spjegata).

**25.** L-ewwel Qorti rriteniet li l-kawża odjerna hija "*predominentement*" dik magħrufa bħala l-*actio finium regundorum* (kif fil-fatt l-atturi stess iddikjaraw fl-ewwel seduta). Aċċennat għall-fatt li t-tieni u t-tielet talbiet huma intiżi għad-delimitazzjoni tal-konfini, filwaqt li bil-ħames talba l-atturi qed jitolbu l-iżgumbrament tal-konvenuti minn dik il-parti li tirriżulta illegatament okkupata minnhom.

**26.** L-ewwel Qorti kienet tal-fehma illi għalkemm iż-żewġ azzjonijiet

huma teknikament differenti, permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jerġgħu jistiednu lill-Qorti tagħmel l-istess eżerċizzju. Aċċennat għall-fatt li :

- din il-kawża si tratta tal-istess art li kienet is-suġġett tal-kawża 28/2004;

- biex hija tilqa' t-talba u tiddikjara li l-mandretta u l-biċċa raba huma kull wieħed tal-kejl ta' 187mk (jew kejl verjuri), is-sottointeża hija li l-atturi huma wkoll proprjetarji tal-istess: kwistjoni li diġa` ġiet deċiża;

- għalkemm fil-kawża odjerna l-atturi żiedu l-kliem "*jew kejl verjuri*" dan ma jbiddilx il-fatt li l-mertu diġa` ġie diskuss;

- fil-kawża odjerna hija bil-fors trid teżamina l-estenzjoni tal-art tal-partijiet rispettivi, iżda dan kien eżerċizzju li diġa` għamlitu l-Qorti fil-kawża 28/2004.

**27.** Hija kkummentat illi ma kellhiex dubju li peress li l-Qorti fil-kawża 28/2004 *"semmiet li ma setgħetx tistabbilixxi l-konfini tal-proprjetajiet* rispettivi (l-atturi) *ħadu l-imbekkata biex jippreżentaw il-proċeduri odjerni*." Dehrilha ovvju li din il-kawża odjerna ma hi xejn għajr tentattiv da parti tal-atturi biex jiftħu beraħ it-trattazzjoni tal-istess kwistjoni u b'hekk jippruvaw jinnewtralizzaw l-ewwel deċiżjoni. Qalet ukoll li bil-kawża odjerna hemm ir-riskju li jkun hemm proprju żewġ ġudizzji kunfliġġenti.

## **Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**28.** Kif fuq spjegat, l-aggravju tal-atturi jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tar-*res judicata* in vista tas-sentenza fil-kawża 28/2004. Huma jsostnu li d-difiża tal-ġudikat ma kinitx applikabbli u li għalhekk kienet skorretta l-ewwel Qorti meta ddeċidiet li tali difiża kienet mistħoqqa.

**29.** Din il-Qorti, wara li rat ir-rikors tal-appell tal-atturi u r-risposta tal-konvenuti, wara li eżaminat it-talbiet mertu tal-kawża 28/2004 u s-sentenza relattiva, kif wkoll it-talbiet mertu ta' din il-kawża u s-sentenza tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, tasal għall-istess konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti: u cioe` li d-difiża tar-*res judicata* hija fondata.

*It-talbiet fil-kawża 28/2004 u t-talbiet fil-kawża odjerna 66/2012*

**30.** Fil-kawża 28/2004 l-atturi talbu:

- li jiġi dikjarat li l-lok ta' djar bil-mandretta bil-kejl ta' cirka 187mk u l-biċċa raba magħrufa bħala "*ta' mal-lok*" bil-kejl ukoll ta' cirka 187mk (kif deskritti fil-kuntratt tal-1960) huma proprjeta` tal-atturi, u

- biex il-konvenuti jiġu inibiti milli jidħlu f'tali proprjeta`.

**31.** Fil-kawża tal-lum l-atturi qed jitolbu:

- li jiġi dikjarat li l-proprjeta` kif deskritta fil-kuntratt tal-1960 hija proprjeta` tagħhom. Fil-kawża tal-lum, iżda, jirrikonoxxu illi l-kejl jista' jkun inqas minn dak indikat fil-kuntratt, u dan ovvjament minħabba li l-Qorti fil-kawża 28/2004 qalet li hemm *overlapping* bejn il-proprjeta` li xtraw l-atturi u dik li akkwistaw il-konvenuti - għalhekk żiedu l-frażi "*jew kejl ieħor verjuri*";

- li jiġu stabbiliti l-konfini tal-mandretta u tar-raba "*ta' mal-lok*" vis-à-vis il-proprjeta` tal-konvenuti, (evidentement minħabba li l-Qorti fil-kawża 28/2004 qalet li mill-provi ma jirriżultax x'inhuma l-konfini tal-proprjetajiet rispettivi tal-partijiet);

- li jiġi allura stabbilit liema hija dik il-parti tal-proprjeta` tagħhom li hija okkupata mill-konvenuti;

- u li konsegwentement il-konvenuti jiġu ordnati jiżgombraw minn tali parti.

*L-ewwel talba fiż-żewġ kawżi*

**32.** Għalkemm skont l-atturi, il-proprjeta` deskritta fil-kuntratt tal-1960 hija indikata kollha fuq il-pjanta Dok B, kif osservat il-Qorti fil-kawża 28/2004 il-kejl indikat fuq tali pjanta huwa <u>inqas</u> minn dak indikat fuq il-kuntratt. U minkejja li hu inqas, mill-provi prodotti ma setgħetx tikkonkludi li tali proprjeta` indikata fuq il-pjanta Dok B hija kollha tal-atturi. Għalhekk wara li fliet il-provi prodotti, la setgħet tikkonkludi li l-proprjeta` kif deskritta fil-kuntratt tal-1960 hija kollha tal-atturi, u lanqas

ma setgħet tikkonkludi li l-proprjeta` (b'kejl inqas) kif indikat fuq il-pjanta Dok B ma hijiex kollha tagħhom. Jiġifieri la setgħet tilqa' l-ewwel talba fl-intier tagħha, u lanqas limitatament, u cioe` għal kejl inqas minn dak imsemmi fl-ewwel talba.

**33.** Issa kif osservat l-ewwel Qorti, fil-kawża odjerna l-ewwel talba hija prattikament identika għall-ewwel talba fil-kawża 28/2004. Il-fatt li żiedu l-frażi "*jew kejl ieħor verjuri*" ma jfisser xejn, għaliex kif fuq spjegat, li kieku fil-kawża l-oħra rriżulta lill-Qorti li l-kejl kien inqas minn dak imsemmi fl-ewwel talba, l-ewwel Qorti xorta waħda kienet tiddikjara "*kejl ieħor verjuri*".

*It-talba biex jiġu stabbiliti l-konfini*

**34.** Il-Qorti fil-kawża 28/2004 spjegat illi mill-provi prodotti ma kienx possibbli għaliha li tiddikjara l-konfini tal-proprjetajiet tal-kontendenti. Minkejja l-eżerċizzju li hija għamlet sabiex tistabbilixxi min mill-kontendenti għandu l-aħjar titolu fuq l-art in disputa, u minkejja l-provi voluminużissimi li tressqu, stqarret illi kien impossibbli għaliha li tistabbilixxi bi preċiżjoni l-konfini tal-proprjetajiet rispettivi tal-partijiet. Għalhekk għalkemm kienet konvinta li l-atturi għandhom mill-proprjeta` indikata fuq il-pjanta Dok B (li kif ingħad, hija inqas minn dik deskritta fil-kuntratt tal-1960) baqa' ma ġiex pruvat sodisfaċentement x'inhuma l-konfini tal-proprjeta` tal-atturi (u tal-konvenuti) u għalhekk kellha tiċħad

it-talbiet.

**35.** Kif qalet l-ewwel Qorti fil-kawża odjerna, permezz ta' din il-kawża, l-atturi qegħdin jerġgħu jistiednu lill-Qorti tagħmel l-istess eżerċizzju. U kif sostnew ben tajjeb il-konvenuti fir-risposta tal-appell tagħhom, il-fatt li l-ewwel Qorti ma setgħetx tasal biex tistabbilixxi fhiex tikkonsisti l-proprjeta` tal-atturi, ma jfissirx li l-kwistjoni ma ġietx deċiża definittivament.

*Dak li qed jintalab fil-konfront tal-konvenuti fiż-żewġ kawżi*

**36.** Fil-kawża 28/2004 l-atturi talbu li l-konvenuti jiġu inibiti milli jidħlu fl-art tagħhom; filwaqt li fil-kawża odjerna qegħdin jitolbu li jiġu żgumbrati mill-partijiet li jirriżultaw li huma tagħhom (tal-atturi).

**37.** Iżda kif ingħad, il-vertenza ġiet deċiża definittivament b'dan li l-konvenuti (li f'kawża ta' rivendika huma l-possessuri) baqgħu jgawdu l-pussess fuq kwalsiasi biċċa art okkuppata minnhom li jista' jkun li hija tal-atturi. Tajjeb jew ħażin, baqgħu jgawdu l-pussess fuq l-art okkupata minnhom bil-barka ta' sentenza tal-Qorti li ma ġietx appellata.

**38.** Kif osservat ben tajjeb l-ewwel Qorti, li kieku f'din il-kawża kellha terġa' tagħmel l-eżerċizzju li għamlet il-Qorti fil-kawża 28/2004 għall-fini biex tistabbilixxi l-konfini, hemm ir-risku li jkun hemm żewġ ġudizzji

konfliġġenti: billi jiġi dikjarat li l-konvenuti qegħdin effettivament jokkupaw parti mill-proprjeta` tal-atturi u bħala konsegwenza jiġu ordnati jiżgombraw.

**39.** Kif dejjem ġie ritenut, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku, u hija maħsuba sabiex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, li tbiegħed il-possibilita` ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita` ta' kwistjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza li tkun ingħatat.

*Il-ħames eċċezzjoni*

**40.** Finalment din l-Qorti jidhrilha li għandha tikkummenta fuq il-fatt li l-ewwel Qorti laqgħet il-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti (li ssegwi wara t-tieni, it-tielet u r-raba eċċezzjonijiet li huma kollha relatati mal-kwistjoni tar-*res judicata*) li tgħid hekk:

> "*<u>Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost</u>, l-eċċipjenti jopponu li għandhom jiġu delinati xi konfini, stante li ma hemmx dan il-bżonn, in kwantu l-estenzjoni tal-proprjeta` tagħhom tirriżulta kjarament mill-att tal-akkwist tagħhom u mill-provenjenza tat-titolu tagħhom".*
> (enfasi ta' din il-Qorti)

**41.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti ma kellhiex tidħol f'din l-eċċezzjoni u dan għaliex ladarba laqgħet it-tliet eċċezzjonijiet dwar ir-*res judicata* messha waqfet hemm. Fi kwalunkwe każ, ladarba l-Qorti fil-

kawża 28/2004 kienet irriteniet illi hemm *overlapping* bejn il-proprjeta` li xtraw l-atturi u dik li akkwistaw il-konvenuti, u li ma setgħetx tistabbilixxi b'preċiżjoni l-veri konfini tal-proprjetajiet rispettivi, allura huwa kontro-sens li din il-ħames eċċezzjoni tintlaqa'.

**<u>Decide</u>**

**42.** Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, ħlief għall-ħames eċċezzjoni inkwantu ma kienx il-każ li l-ewwel Qorti tippronunzja ruħha fuqha.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-atturi appellanti.

Silvio Camilleri
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Noel Cuschieri
Imħallef

Deputat Reġistratur
ld